

# George Camilleri
# 1926 - 08-02-2012

*Antoine Vella - Ass. Segretarju*
*Marsa Scouts Group*



George Camilleri twieled fit-30 ta' Diċembru 1926, iben Ġużeppi u Nikolina Camilleri imlaqqmin 'tal-bandieri'. Dan għaliex missier George Ġużeppi, kien ħajjat prim tal-bnadar u ħadem bosta xogħlijiet kemm lill-Maltin dilettanti kif ukoll lis-servizzi Ingliżi. George twieled fi triq il-Kbira San Ġużepp, komunament magħrufa minnha bħala Strada Rjali l-Ħamrun. Fl-età ta' 10 snin, George ingħaqad mal-iscouts tal-Ħamrun bħala Wolf Cub. Ta' età daqshekk żgħira, George mill-ewwel wera li kien a 'Born Leader' u mill-ewwel sar second sixer u ftit wara sixer. Għal min mhux midħla tal-iscouts, is-sixer huwa tifel li jorganizza u jmexxi grupp ta' sitt itfal tamparu, u George wera l-kapaċitajiet tiegħu sa minn din l-eta tenera. Intant, l-iscouts għal George sar parti minnu, wieħed irid jgħid li minkejja d-difett li George kellu f'ħalqu u kien jaffettwalu l-verbal tiegħu, qatt ma kien imwarrab mill-iscouts. Dak iż-żmien, qatt ma kienet tiġi pprattikata l-inklużżjoni u George mhux l-ewwel darba li kien ikun imweġġa' minn sħabu tal-iskola, u għal din ir-raġuni George tilef ħafna minn dik li hi edukazzjoni, mhux għax moħħu ma kienx jgħatih anzi hija veru ħassra li ma setghax ikompli, għax bħalha intelliġenza George kellu moħħu tajjeb ħafna. Dawn it-tip ta' tfal b'dawn id-diżabbiltajiet minimi kienu awtomatikament ikunu emarġinati u mwarrba fis-soċjeta, kienet stil ta' ħajja oħra differenti ħafna mil-lum. Mhux l-istess nistgħu ngħidu għall-iscouts. L-iscouts dejjem raw u ħeġġu lil George f'dak kollu li kien kapaċi jagħmel, tant li George huwa wieħed mill-ftit *rankers* kompluti (mhux kulħadd jibqa tiela sa GSL) fil-fatt George minn second sixer laħaq sixer imbagħad second leader wara patrol leader sa scouter rank wara l-ieħor. Mal-iscouts tal-Ħamrun, George laħaq Ass. Scout Master u mill-ewwel ħa l-fama madwar Malta għas-serjeta' u d-dixxiplina tiegħu, li min qed jaqra dan l-artiklu u daqha jaf x'ħa u kemm swietlu matul ħajtu.

## GEORGE FIL-MARSA:

Fl-1946, il-GSM tal-Marsa ta' dak iż-żmien is-Sur Joseph Mizzi, avviċina lil George biex jgħati daqqa t'id fil-grupp tal-Marsa, dan min-naħa tiegħu aċċetta t-talba fost ħafna ostakli min-nies tal-Marsa stess. Mhux l-ewwel darba sab min jgħidlu: 'X'se tagħmel b'idek George ma tafx li hawn ġol-Marsa ma jżomm xejn?' Minkejja dan kollu George laqa' l-isfida u saret applikazzjoni għal *transfer* minn mal-Ħamrun għal mal-Marsa mal-assoċċjazzjoni tal-Furjana. Jekk George ħaseb li dan se jaqbad u

jingħatalu malajr, kien sejjer żball u żball kbir ukoll! It-transfer ta' George, dam sena biex inħareġ, dan għaliex il-grupp tal-Ħamrun ma' setgħax jitlef lil George kif ġib u laħaq u dan għal raġunijiet li kulħadd jista' jimmaġina, biss, meta raw id-determinazzjoni ta' George, wara sena talbit, fl-aħħar it-transfer ingħatalu u George intefa' jaħdem fil-Marsa b'ruħu w b'ġismu. Sar Marsi u Marsi attiv, tant li ħafna minna l-Marsin lanqas biss nafu li George hu Ħamruniż, imma jaħsbu li hu Marsi u Marsi pur mid-demm! Fil-Marsa George kien tassew milqugħ, u l-ospitalita' li wrew miegħu il-Marsin ħassu mill-ewwel ta' ġewwa u ma sabiex diffiċli li jaqleb "iċ-ċittadinanza".

Il-ħidma tiegħu fil-grupp tal-Marsa bdiet tidher mill-ewwel, u l-Marsa Grupp bdiet bil-mod il-mod tibni l-isem, sakemm ġiet rinomata ma' Malta kollha bħala waħda mill-aqwa gruppi ta' scouts li għandna ġewwa gżiritna. L-enfasi ta' George f'diskorsu kienet dejjem tkun li biex tlajna fil-quċċata kienet biċċa xogħol diffiċli, issa għandna biċċa xogħol akbar biex inżommu hemm fuq. Niftakru kont għadni daqsxejn ta' tifel jgħid dal-kliem u kien jinduna li m'aħniex nihfmuh, għax jarana nibqgħu ċċassati lejh, kien iħobb jgħidilna: immaġinakhom telgħin sal-quċċata tal-arblu, kemm iddum tissielet biex tasal, imma jekk titlaq idejk tinżel f'sekonda,' hekk ukoll jiġrilu l-grupp tagħna jekk inneħħu jdejna f'sekonda jikkrolla u nintesew mill-aktar fis. Kien iħobb jgħidilna wkoll: "aħna ambaxxaturi ta' dil-Marsa li tant inħobbu, il-grupp tagħna msemmi għaliha, lilna jgħidulna l-Marsa Scouts u dik il-kelma Marsa f'isimna tgħabbina b' responsabbiltà akbar". Il-ħajja tal-Marsa kienet tinteressah bil-bosta u għalkemm l-iscouts kien dejjem prijorità, l-Marsa kienet iktar. Ħa nagħti eżempju: Darba *St.George's Day Parade* li kienet u għadha waħda mill-attivitajiet il-kbar tal-iscouts, ħabtet mal-festa titulari tat-Trinita. George sejjaħ laqgħa biex jgħarraf lill-grupp li għal din is-sena, l-grupp tal-Marsa ma kienx se jieħu sehem minħabba din l-istess raġuni, b'hekk qed ngħid li l-iscouts kien iħobbu imma l-Marsa aktar. Il-ħajja tal-Marsa kienet tinteressah wisq! Ma kienx ikun hawn avveniment fil-Marsa li ma ssibx l-iscouts qed jieħdu sehem bil-parteċipazzjoni tiegħu. L-akbar









avvenimenti fil-Marsa żgur li kienu l-wasla tal-ewwel vari fil-parroċċi rispettivi tagħna. George ried ikun ċert li l-banda tagħna tagħti sehma. Fl-1976, saru festi kbar fil-parroċċa ta' Marija Reġina meta fil-Marsa waslet il-vara li kienu ordnaw. L-iscouts mexxew demostrazzjoni bl-istawa l-ġdida minn ħdejn il-headquarters tagħna sal-Knisja Parrokkjali mdawwrin b'bosta ċiklisti, imbagħad kien imiss il-Parroċċa tat-Trinità li tilqa l-istatwa titulari tagħha. F'Ottubru tal-1979, waslet fil-Marsa l-Vara li kienu ordnaw f'Bolzano l-Italja. L-iscouts wasslu l-vara b'demostrazzjoni oħra, din id-darba bdiet mix-xatt mill-imħażen ta' Velsons u baqgħu jakkumpanjawha sal-imħażen tar-Regatta dak iż-żmien kienu għadhom taħt il-ġnien, fejn minn hemm ħadet over, il-banda Trinità il-banda tal-Parroċċa, fejn minn hawn kompliet bid-dimostrazzjoni l-Banda Trinta'. Għal George kull avveniment huwa importanti u tarah flimkien mal-grupp f'kull anniversarju li jiġi ċċelebrat fiż-żewġ parroċċi tal-Marsa. George kien Marsi b'ruħu w b'ġismu.

## GEORGE ĦABIB PERSONALI TA' SAN ĠORĠ PRECA.

Peress, li George kif għidna, kien mil-Ħamrun, il-Knisja li kien jiffrekwenta kienet dik ta' San Gejtanu. F' din il-Knisja kien iservi l-maħbub qaddis tal-Maltin San Gorg Preca. George kien sar jaf lil San Ġorġ proprju minn hemm. F'żgħożitu, George kien iħoss sejħiet qawwija biex jingħaqad mal-ordni tal-kapuċċini, u biex jikkonferma dak li kien qed iħoss ġewwa fih, mar sab lil Dun Ġorġ biex jitolbu parir u biex jgħidlu b'dak li qed iħoss. Dun Ġorġ qabad lil George minn spalltu u qallu: "Għadek m'għaraftx li l-vokazzjoni tiegħek inti diġa qed twettaqha? Ibqa aħdem mat-tfal u żagħażagħ li għandek u kompli rawwem fihom il-valuri nsara, b'hekk inti se tkun qed tgħix vokazzjoni doppja, dik li tibni familja meta jasal il-waqt u dik li qed taħdem fiha issa u fadallek ħafna x'tagħti. Jien imbierek lilek u 'l-iscouters li qed jaħdmu miegħek kif ukoll il-grupp kollu li qiegħed fih!"



George kien joqgħod ħafna fuq il-pariri li kien jgħatih il-qaddis Malti, għax bħal ma jgħidu ħafna, il-qdusija kienet tidher f'Dun Ġorġ sa minn ħajjtu. Bis-saħħa tal-ħbiberija li kien hemm bejn George u Dun Ġorġ, dan tal-aħħar kien midħla ħafna tal-grupp tagħna, jekk ikun għaddej minn Via Marsa, Dun Ġorġ kien jgħamilha punt li jgħaddi sal-iscouts u hemm jgħid kelma ta' ġid lil min isib preżenti. Dawn iż-żjarat kienu jsiru għall-arrieda u xejn ippreparat minn qabel. Dak li kien ikun għaddej fil-headquarters kien jieqaf ħessrem għall-kelma ta' Dun Ġorġ, ħaġa li Ġorġ tal-Birgu (l-għannej tal-Mulej) baqa' jgħamel sal-ġurnata tal-lum u anke dan biex ikompli fuq il-passi tal-fundatur tiegħu jidħol bla mistenni fil-headquarters u jgħid kelmtejn ta' ġid bit-taqbiliet ħelwin tiegħu li min isib preżenti.

Il-valuri li Dun Ġorġ għaddha lil George kienu sodi u għaddihom ukoll lill-grupp tagħna. Kien hu li ntroduċa żewġ lezzjonijiet tal-katekiżmu l-Erbgħa u s-Sibt minn membri tal-mużew. Dun Ġorġ ħa pjaċir biha wisq din il-mossa u ta' spiss kien jgħid lil George li min jiġi għandna għandu żewġ lezzjonijiet aktar mit-tfal li jmorru l-mużew biss, b'dawk tal-Erbgħa u s-Sibt. Kien hu wkoll li introduċa r-Rużarju Mqaddes kuljum fix-xahar t'Ottubru fil-headquarters. Il-quddiesa ta' kuljum fil-kamp, u bosta attivitajiet oħra amalgamati mal-għaqdiet l-oħra tal-parroċċi rispettivi tal-Marsa. Wieħed ikollu jieqaf għax hemm volumi sħaħ x'jinkitbu.

## GEORGE RAĠEL TAL-FAMILJA.

Kull min jaf lil George jaf kemm kien raġel tal-familja u missier eżemplari. U dan jista' jonqos? Meta inti titratta t-tfal u żgħażagħ li ma jiġux minnek, tant tajjeb, kif tista titratta mod ieħor lil dawk li huma demmek stess? George flimkien ma' martu Rosalie kellhom familja sabiħa bi tlett ulied: Jonathan, Doreen, u Josef. Ħafna Marsin għadhom jiftakkru x-xena tgħaxxqek kien ikun hemm fihom il-ħames membri tal-familja, li jimlew l-ewwel bank tal-knisja għall-quddiesa tas-sitta ta' filgħodu, u dan kuljum preċett, xemx jew xita, sħana jew ksieħ. Ma' George m'hemmx ċajt, logħob u fsied, imħabba iva kemm trid, fsied łe! Id-doveri jridu jinqdew m'hemmx argumenti! Għal George il-familja kienet il-parti l-kbira tiegħu innifsu. Norganizzaw x'norganzzżaw dejjem irid li l-attivita tkun waħda għall-familji, u hekk għadna sal-lum il-ġurnata għall-grazzja t'Alla, imqar meta mmorru ndoqqu b'xi servizz barra l-Marsa, arahom in-nisa u t-tfal tagħna ġejjin, jimxu magħna fuq il-





bankini u jgħatuna s-sapport tagħhom, li fil-verita jkun ta' kuraġġ kbir għalina lkoll involuti. Anke għas-sempliċi fatt li ma' ħallejt l-ħadd warajk id-dar huwa serħan tal-moħħ.

## GEORGE JAGĦLAQLU Ċ-ĊENS

Wara ħajja twila w sabiħa mimlija attivita li kellu George, saħħtu bdiet sejra lura, u dan ilu dawn l-aħħar snin. In-nifs li tant ta' gost lilna bih meta konna tfal, bħal donnu nħlielu u beda jitilqu ftit, ftit. Kemm użah tajjeb meta kien iżgħar kemm kien jeċitana lilna bħala tfal jgħum taħt wiċċ l-ilma u aħna nippruvaw naqtgħu fejn qiegħed, imbagħad jitla metri sew il-bogħod minn fejn inkunu.

Il-Ġimgħa 4 ta' Frar konna qed nikkunċertaw, staqsejt lil ibnu Josef kif inhu, bid-dmugħ f'għajnejh qalli:"did-darba ma jgħamiliex, batut wisq". Kien jaf x'qed jgħidli għax l-Erbgħa kmieni filgħodu nircievi telefonata mingħand Josef, kif rajt ismu fuq il-mowbajl lill-mara tiegħi għidtilha:"Madonna magħna, Josef". L-aħbar tkun qed tistenniha minn ħin għall-ieħor u kif tasal xorta ttik donna qatgħa! Miet ta' wara missieri għidtilha! Dħalt fil-kamra tas-sodda ma' flaħtx aktar u nfqajt b'wiċċi ġo l-imħadda. F'dawk il-ftit sekondi għaddiet il-ħajja ta' George minn quddiem għajnejja: is-serjeta tiegħu, is-sudizzjoni li kelli minnu avolja llum raġel mgħamul u fuq kollox l-umoriżmu tiegħu, għax din ma' semmejtiex, tant serju u fl-istess ħin tant ċajtier jaqsmek bid-daħq. Tistaqsunix nispjega għax ma' nafx kif, imma hija kuntradizzjoni realistika. Ix-xewqa tal-grupp kienet li jorganizzalu festa kif jixraqlu waqt l-aħħar tislima tiegħu fuq din l-art, imma għal prudenza, stennejna biex naraw x'kienet ix-xewqa tal-familja, wara kollox il-katavru jiġi proprjeta tagħhom.

Il-familja kellha l-istess ħsieb u ħallietna nesprimu dak kollu li xtaqna, biex f'Jum il-magħmudija ta' Malta fl-10 ta' Frar sellimna l-George kif kien jixraqlu b'dak kollu li stajna u li konna nafu. Fuq iz-zuntier raġel ma nafux qalli:"se jkolli ngħid li ġejt funeral u ma nafx kif se ngħida. Ħadt pjaċir". Hekk xtaqna li tkun l-aħħar tislima festa biex niċċelebraw il-ħajja ta' missierna George. Kollox sew il-biki ma tistax iżżommu umani aħna, imma kienet festa fil-veru sens ta' bniedem dehen tal-familja, tal-Marsa u tal-iscouts. Mur strieħ ħabib, u minn fejn int itlob għalina aħna żgur ma' ninsewk qatt.

## KONKLUŻJONI

F'ismi, f'isem sħabi tal-Marsa Scout Group u f'isem il-familja ta' George, nixtieq nieħu l-opportunita, biex nirringrazzja l-Każin tal-Banda tagħna, li tawna ċ-ċans nergħu nsellmu lil dan il-bniedem ħabrieki li għex ħajjtu għall-familja tiegħu u għat-tieni familja tiegħu il-MARSA SCOUT GROUP.